fil-kċina, kebbset il-kuċiniera u qiegħdet l-istanjata tal-kafè fuq in-nar. — "Il-Bambin ġabru... Kien wisq tifel tajjeb biex jibqa' jgħix qalb il-ħażen tal-lum... Imsejknin aħna li bqajna fid-dinja biex inġarrbu l-gwaj kollu ta' dawn iż-żminijiet hekk koroh...... Imsejkna omm li baqgħet tgħix biex tixrob l-imrar tat-telfa ta' żewġha u binha......" B'dawn il-ħsibijiet imewġu f'moħħha, Rożi kixfet il-għatu ta' l-istanjata li kienet qiegħda tagħli, tefgħet il-kafè, ħawdet bl-imgħarfa, u niżżlet l-istanjata minn fuq in-nar u ħallietha toqgħod.

"X'ħin hu?" staqsiet Manannі malli fetħet għajnejha u lemħet xaqq dawl mill-kontraporti mbexxqin tat-twejqa tal-kamra, u semgħet it-tkaxkir tal-passi ta' Rożi dieħla u ħierġa mill-kamra tar-rqad għall-kċina minn fejn kienet ħierġa r-riħa ta' kafè jagħli.

"Għadha kif daqqet il-quddiesa tas-sitta", wieġbet lil Manannі.

— "X'waħda din; x'ħolma kerha..... dak il-kelb.... ma ħallinix nagħlaq għajn f'għajn, qabel ma siket għal .kollox", qalet Manannі hija u nieżla mis-sodda. — "Stħajjiltu qed jibki lil Ġolinu... X'waħda din!... Għadhom quddiem għajnejha: Ġolinu u l-kelb. Ġolinu qed iħares lejn il-kelb b'għajnejh miksurin.... u l-kelb jibki ħdejh. Imbagħad Ġolinu beda jipprova jkellmu, iżda l-kelma mititu fuq xufftejh... imbagħad għalaq għajnejh għalkollox... imbagħad taħbita fil-bieb. Ħsibt li qed noħlom.... sejjaħtlek... deherli li smajt leħnek, Roż, titkellem ma' xi ħadd... imbagħad xejn iżjed... u għajni reġgħet marret bija...... Tgħid għadu ħaj?... Kemm kien magħdur... hux tassew, Roż... fejn int Roż?..."

Qamet u bdiet tħarrek il-passi biex tara fejn hi Rożi... daħlet fil-kamra tat-tifel... fl-aħħar lemħitha f'rokna b'wiċċha midfun ġewwa l-fardal, iżżomm il-biki.

"X'ġara?!" staqsietha Manannі bir-rogħda fuqha.

"Xejn," wieġbet l-oħra, bla ma tista' żżomm il-biki.

"Mela tassew dak li ħlomt... mela tassew dak li ħsibt... mela tassew li ġew iħabbtu... tassew li ġew jagħtuk l-aħbar li Ġolinu......" u bla ma felħet toħroġ kelma oħra minn fommha, inxteħtet fuq ħoġor is-sodda u nfexxet f'bikja qawwija bħal meta, wara li jkun ilu jinġama' l-isħab iswed u jgħatti s-smewwiet minn tarf sa tarf, f'daqqa waħda tibda nieżla x-xita bil-qliel.

Tektika ċkejkna fil-bieb għagħlet lil Manannі teħda mill-biki



u tarfa' rasha u tixxotta d-dmugħ. — "Roż, Roż!" instema' jsejjaħ xi ħadd b'leħen ħiemed. Kienet Lela, ġara oħra, ħtint Rożi.

"X'aħbar għandkom?" — staqsiet lil Rożi li qamet u marret tbexxaq il-bieb. Rożi, bla ma fetħet fommha għamlitilha b'idejha s-sinjal tas-salib u reġgħet għalqet.

Manannі refgħet rasha, ixxuttat id-dmugħ, issemmgħet, iżda ma semgħet xejn ħlief il-bieb jingħalaq. Għajnejha dlonk marru fuq il-kelb mixħut fuq is-sodda ma' ġenb l-imħaded li fuqhom binha kien imidd rasu... Ratu ma ċċaqlaq xejn. Messitu. Kien kiesaħ. — "Mejjet ukoll!" għajtet, "mejjet ukoll! Issa tassew ma fadalli 'l ħadd fid-dinja." U nfexxet f'bikja wisq iżjed kbira minn ta' qabel.

Rożi resqet lejha; sejħitilha; iżda din baqgħet mixħuta tolfoq u tolfoq fuq il-kelb li kien mejjet.

---

## IL-MIĠJA LURA F'MALTA TAL-PRESIDENT TAL-GHAQDA

Għandna l-pjaċir li nħabbru lill-Membri tal-Għaqda u Mseħbin ta' "Il-Malti", il-miġja lura f'Malta tal-President tal-Għaqda, it-Tabib G. Galea, M.D., D.P.H., wara li għamel fl-Universitajiet ta' Edinburgu u ta' Londra, kors teoriku - prattiku tal-Mediċina Legali, li tagħha kien maħtur bħala Lettur fl-Università Rjali ta' Malta.

Fil-waqt li aħna nagħtuh il-merħba bih nittamaw li sħabna tal-Għaqda ma jdumux ma jkollhom l-okkażjoni li jeħdulu b'idejh u jifirħulu.